

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-31 ta' Marzu 2011 —  
Il-Kummissjoni vs L-Italja**

**(Kawża C-50/10)**

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttiva 2008/1/KE — Prevenzjoni u kontroll integrati tat-tniġġis — Rekwiżiti għall-għoti ta’ permessi għal installazzjonijiet eżistenti”

*Stati Membri — Obbligi — Implementazzjoni tad-direttivi — Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Ġustifikazzjoni bbażata fuq l-ordinament intern — Inammissibbiltà (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punti 33-39)*

## **Suġġett**

Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta’ Jannar 2008, dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż (ĠU L 24, p. 8) — Installazzjonijiet li jistgħu jkollhom effett fuq l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija u fuq it-tniġġis — Rekwiżiti għall-ġħoti ta’ permessi għal installazzjonijiet eżistenti.

## **Dispożittiv**

- 1) Billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa sabiex l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw, permezz ta’ permessi maħruġa skont l-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta’ Jannar 2008, dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż (verżjoni kodifikata), jew, b'mod xieraq, billi jikkunsidraw mill-ġdid il-kundizzjonijiet u, fejn meħtieġ, jaġġornawhom, sabiex l-installazzjonijiet eżistenti, fis-sens tal-Artikolu 2(4) ta’ din id-direttiva, joperaw skont ir-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 3, 7, 9, 10, 13,

14(a) u (b) u 15(2) tal-imsemmija direttiva, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva.

- 2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-31 ta' Marzu 2011 —  
EMC Development vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-367/10 P)**

“Appell — Akkordji — Suq Ewropew tas-siment — Rikors għal annullament indirizzat kontra deċiżjoni ta’ ċaħda ta’ lment intiż għall-adozzjoni ta’ regola armonizzata għas-siment — Proċedura ta’ adozzjoni tar-regola — Natura vinkolanti tar-regola — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat”

1. *Appell — Aggravji — Nuqqas ta’ identifikazzjoni tal-iżball ta’ liġi invokat — Inammissibbiltà (Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1)(c)) (ara l-punti 39, 40, 58)*
2. *Appell — Aggravji — Motivazzjoni insuffċjenti — Portata tal-obbligu ta’ motivazzjoni (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 36 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, Artikolu 81) (ara l-punti 46, 48)*
3. *Appell — Aggravji — Ksur tal-projbizzjoni li tingħata deċiżjoni dwar motiv ġdid — Argument li jikkostitwixxi semplicei elaborazzjoni ta’ argument invokat fir-risposta — Aggravju manifestament infondat (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 48(2)) (ara l-punti 57, 62-64)*